# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Erbgha 15 ta' Lulju 2020

**Rikors Konġunt Numru : 9/2020 JPG**

**Kawza Numru : 18**

**JG**

**U**

**MV**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors konġunt ta' JG u MV, datat 10 ta' Jannar 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti żżewġu nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sebgħa (2007) fil-Knisja Parrokjali tal-Mosta, hekk kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok '**A**';*

2. *Illi minn dan iż-żwieġ kien hemm żewġ (2) ulied, u ossija D u E li twieldu nhar X u Y rispettivament u huma minorenni;*

3. *Illi JG qiegħed iħallas b' mod regolari l-manteniment versu ż-żewġ (2) uliedu li ġie regolat ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn taħt indikat;*

4. *Illi l-partijiet ilhom separati minn xulxin de jure mis-sena elfejn u erbatax (2014), u ossija għal aktar minn erba' (4) snin, b' kuntratt redatt minn Nutar Dr. Claire Camilleri datat nhar l-erbgħa (4) ta' Diċembru tas-sena elfejn u erbatax (2014), kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala dok '**B**';*

5. *Illi ma hemm l-ebda prospett raġjonevoli, jew remot għar-rikonċiljazzjoni bejniethom peress li ilhom snin twal mifruda, u barra minn hekk illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;*

6. *Illi l-esponenti ddekadew mid-dritt li jitolbu jew jirċievu manteniment minn xulxin;*

7. *Illi dawn il-fatti kif premessi jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Civili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta);*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara li ż-żwieġ bejn JG u MV iċċelebrat nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sebgħa (2007) huwa maħlul u għalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom;*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu ffisat mill-istess Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku, kif ukoll li jagħmel id-debita korrezzjoni fiċ-ċertifikat taż-żwieġ.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bl-affidavit;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**JG** xehed (Dok A fol 16) bil-proċedura tal-affidavit illi huwa u M izzewwġu fit-tmienja u għoxrin

ta' Ġunju 2007. Xeded illi minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal, it-tnejn minorenni. Illi ma hemm ebda arretrati ta' manteniment.Xehed ukoll illi l-partijiet jgħixu ħajja separata minn xulxin u ma hemm ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni.

**MV** xehdet (Dok B, fol 17) bil-proċedura tal-affidavit u ikkonfermat u ikkorraborat dak li xehed **JG.**

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta'***

***manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-28 ta' Ġunju 2007 (Vide Dok A fol 3) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom żewġt ulied.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Claire Camilleri, datat 4 ta' Diċembru 2014 (vide Dok. B fol 4 et seqq.) u ghalhekk ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll illi pendenzi ta' manteniment ma hemmx.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sodisfacentement pruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex iz-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**